MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 524/2008

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs**

**James Demarco (ID 412838M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ elf, erba’ mija u disgha u ghoxrin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€1,429.75), rapprezentanti bilanc in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 21652407 (gja 21332084) u 21335819 (gja 21332083) (AC 40018393), u 21652474 (AC 40023114).

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Dokumenti mehmuza mal-avviz tat-talba :

Dok A – Prospett – AC 40018383
Dok B – Prospett – AC 40023114
Dok C – Kuntratt relattiv ghal 21332083 u 21332084
Dok D – Talba ghat-trasferiment ta’ servizz datata 12 ta’ Mejju, 2003
Dok E – Kuntratt relattiv ghal 21652407
Dok F – Talba ghat-tnehhija tas-segizz datat 1 ta’ Awissu, 2003
Dok G – Ittra datata 17 ta’ Gunju, 2003

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elf, erba’ mija u disgha u ghoxrin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€1,429.75), bl-imghax kif mitluba.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------